# Beati u Qaddisin ...Frar

21 ta' Frar San Pier Damiani, isqof u duttur tal-knisja

Ftit wara li twieled gewwa Ravenna fis-sena 1007, Pietru tilef il-genituri tieghu u safa ltim fost hutu numeruzi. Huh il-kbir kien jinqeda bih bhala seftur minghajr hlas sakemm huh iehor jismu Damian helsu minn sitwazzjoni fejn kien jiehu hsieb il-hniezer u baghtu jistudja gewwa Faenza u Parma. Dan huh kien qassis u Pietru ha isem huh Damjan u uzah bhala kunjomu - Damiani. Wara li spicca il-kors ta' studju dahal fil-monasterju tal-kamaldolesi fejn minn hemm hadem biex iwettaq riforma. Kienu zewg patrijiet benedittini li gew izuruh u hajruh jaghzel il-vokazzjoni ta' patri benedittin.



Dawk iz-zminijiet il-Knisja kienet imhabbta b'hafna problemi , fosthom nuqqas ta' ftehim, xizmi, u simonija. Imma il-qawwa ta' Pietru Damiani kienet il-kawza li l-knisja hadet rotta biex tippurifika ruhha minn dawn in-nuqqasijiet. Pietru kien bniedem ta' talb fit-tul u penitenza. Il-hajja tajba tieghu hajret nies ohra jimxu fuq il-passi tieghu. Mieghu ingabru xi nies u b'hekk ifforma hames komunitajiet ta' patrijiet. Hajtu kienet tassew xiehda ta' Kristu. Gie mgholli ghall-grad ta' kardinal mill-Papa Stiefnu IX. Ha sehem fis-sinodu tal-Lateran fis-sena 1059 li pproklama li l-kardinali biss setghu jiehdu sehem f'elezzjoni ta' Papa. Talab il-permess li jerga' lura ghall-hajja monastika izda mhux qabel ma ceda li jghin lis-Santa Sede kif u meta kien ikun hemm il-bzonn. Irritorna lejn ic-cella tieghu u hemm qaghad jikteb trattati fuq il-Purgatorju, l-Ewkaristija u suggetti axxetici ohra. Ma naqasx li jitkeb fuq il-faqar.

Huwa qal li dak li jghodd kien li wiehed jadura lil Alla bl-ispirtu u bil-verita u mhux li jikteb fuqu. "X'importanza hemm li tikteb sentenza grammatikalment tajjeb bil-kelma "ALLA" biex imbaghad ma titlobux xieraq." Kompla jghin fir-riforma ekklesjastika. Kien afdat b'hafna missjonijiet ta' paci mill-papa, fosthom biex jipperswadi lir-re tal-Germanja biex ma jiddivorzjax lil martu Bertha. Fis-sena 1072 il-mewt hasditu gewwa Faenza fejn irritorna minn missjoni ta' paci li matulha irrikoncilja d-djocesi ta' Ravenna mas-Santa Sede. Minhabba l-kitbiet tieghi teologici huwa mgharuf ukoll bhala duttur tal-knisja.